# Il-Fondazzjoni Alfred Mizzi tintervjeni favur il-Foresta 2000

## Tgħin finanzjarjament biex isiru xogħlijiet wara l-att vandalu mwettaq fil-masġar taż-Żebbuġ

Wara l-att vandalu ppjanat li twettaq dan l-aħħar fir-Riserva Naturali Foresta 2000 meta 36 siġra taż-Żebbuġ ġew issegati f'attentat biex ifixkel il-ħidma sew ta' Din l-Art Ħelwa kif ukoll ta' BirdLife Malta, numru ta' individwi u organizzazzjonijiet offrew l-appoġġ tagħhom f'risposta għal dak li ġara.

Il-Fondazzjoni Alfred Mizzi marret pass oltre u impenjat ruħha li tgħin liż-żewġ NGOs b'għajnuna finanzjarja ħalli jkunu jistgħu jsiru x-xogħlijiet meħtieġa f'dan il-bosk li huwa uniku.

Julian Sammut, *trustee* ta' The Alfred Mizzi Foundation, qal li hija ħasra li l-frott ta' daqstant ħidma siewja – ħafna minnha fuq bażi volontarja – litteralment itir mar-riħ b'azzjoni bħal din. Min iwettaq atti vandali bħal dawn għandu jingħata r-risposta li kull azzjoni ħażina tista' tiġi mwieġba b'waħda tajba, u li s-soċjetà Maltija mhix lesta tibqa' siekta quddiem atti kodardi bħal dawn. Sammut żied jgħid li b'xorti tajba l-Fondazzjoni Alfred Mizzi tinsab f'pożizzjoni li tesprimi s-solidarjetà tagħha billi tipprovdi għajnuna finanzjarja u meta tagħmel hekk tkun qed tibgħat messaġġ li tappoġġja l-protesti ta' kull Malti ċivilizzat għal azzjonijiet bħal dawn.

Fisem Din l-Art Ħelwa, il-President Eżekuttiv Maria Grazia Cassar irringrazzjat lill-Fondazzjoni Alfred Mizzi għal dan il-ġest nobbli u esprimiet l-impenn ta' Din l-Art Ħelwa li tkompli tistinka fil-missjoni tagħha biex ikollna soċjetà li tirrispetta l-ambjent.

Minbarra li huwa wkoll irringrazzja lill-Fondazzjoni Alfred Mizzi, il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana fakkar lill-pubbliku li din ir-riserva naturali tkun miftuħa s-sena kollha biex titgawda mill-familji. Postijiet bħal dawn huma prezzjużi għall-benesseri tas-soċjetà tagħna.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Ir-Riserva Naturali Foresta 2000:
http://birdlifemalta.org/reserves/foresta-2000

Din l-Art Ħelwa:
http://dinlarthelwa.org

Il-Fondazzjoni Alfred Mizzi:
http://alfmizziandsons.com/the-foundation

**Ritratti mehmużin:**
1. Waħda mis-siġar taż-Żebbuġ li ġew issegati. Ritratt ta' Veerle van Werde
2. Siġra taż-Żebbuġ oħra li ġiet vandalizzata. Ritratt ta' Veerle van Werde
3. Il-masġar taż-Żebbuġ li ġie vandalizzat fil-Foresta 2000. Ritratt ta' Veerle van Werde